MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
NADIA H. VELLA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 582/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Donovan Scott K.I. 45037 (A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ erba’ mija u hamsa u disghin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€495.31) dovuta mill-konvenut lis-socjeta` attrici, rapprezentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C40094369,* moghtija mis-socjeta’ attrici lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' erba' mija u hamsa u disghin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€495.31), bl-imghax legali dekorribbli mis-16 ta' Novembru 2011, li hija d-data tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficcjali fl-ismijiet premessi, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------